**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 16 ta' Frar 2017

Rikors Nru : 495/16 AL

AB
-vs-

CD

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

1. Illi l-partijiet izzewgu f'Malta nhar il-wiehed u ghoxrin ta' Novembru tas-sena elfejn u tlieta (21/11/2013) u dana kif jidher mic-Certifikat ta' Zwieg numru elfejn, mija u sitta u ghoxrin tas-sena elfejn u tlieta (2126/2003) li kopja tieghu tinsab hawn unita u markata Dok. "A".

2. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal.

3. Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt ippubblika minn Nutar Dottor Tonio Cachia fit-tmienja u ghoxrin ta' Gunju tas-

sena elfejn u tnax (28/06/2012) li kopja tieghu tinsab hawn unita u markata Dok. “B”.

4. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi illum huma ghandhom hajja totalment separata minn xulxin.

5. Illi l-partijiet kienu rrevokabilment irrinunzjaw mid-dritt ta’ manteniment u dan skond ma jirrizulta mill-Artikolu tnejn (2) tad-Dok. “B” hawn unit.

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib ta’ divorzju skond l-Artikolu sitta u sittin ittra B (166B) tal-Kodici Civili, Kap sittax (16) tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talbet prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg li kien gie celebrat fil-wiehed u ghoxrin ta’ Novembru tas-sena elfejn u tlieta (23/11/2003).

2. Tordna lir-Registratu tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registrat Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimat li giet ikkonfermata minnu bil-gurament tieghu, li permezz taghha jikkonferma li ma jsib ebda oggezzjoni ghat-talbiet tal-attrici, b’dana li ma ghandu jigi addebitat b’ebda spejjez marbuta ma dina l-procedura;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-7 ta’ Novembru 2016;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-28 ta' Gunju 2012;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.